**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Marzu, 2002

**Numru 20**

**Avviz. numru 1303/01JR**

**Anthony Pule`**

**vs**

**Joseph u Adreanna Zerafa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm220.32) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' merkanzija;**

**Il-konvenuti gew interpellati darbtejn sabiex ihallsu, madankollu baqghu inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax, inkluzi zewg ittri interpellatorji, bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota tal-konvenuti prezentata fit-28 ta' Frar, 2002, li biha ammettew it-talba attrici.**

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm220.32) bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' zewg ittri nterpellatorji, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**